**<u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**

**<u>DECIZJONI NUMRU 3004</u>**

**Kaz Numru 3638/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Isabella Testaferrata de Noto**

**u**

**Kunsill Lokali Zabbar**

*dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u vittimizzanti*

**<u>Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D</u>**

Illum it-Tlieta 11 ta' Gunju 2024

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikors ipprezentat mill-Avukatessa, Dottoressa Deborah Attard ghan-nom tar-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, fir-Registru Superjuri, fl-24 t'April 2018. Illi r-rikorrenti fir-rikors taghha qieghda ssostni s-segwenti: -

1. *Illi Isabella Testaferrata de Noto hija mpjegata mall-Kunsill Lokali Zabbar bhala Assistant Principal u ilha hekk sal mill-21 ta' Jannar 2008;*
2. *Illi fl-14 ta' Gunju 2013 intaghzlet mis-Segretarju Parlamentari ghall-Kultura u Gvern Lokali biex isservi fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi Prospettivi.*
3. *Illi f'dan il-waqt hi dejjem inghatat id-dritt li tirritorna fil-kariga taghha mall-Kunsill Lokali Zabbar.*
4. *Illi f'Dicembru 2017 giet avzata li l-kuntratt bhala Segretarja Ezekuttiv mall-Pool gie terminat.*
5. *Illi meta biex tirritorna lura l-Kunsill Lokali Zabbar giet infurmata li ma kinitx intitolata li tirritorna mall-Kunsill Lokali Zabbar.*
6. *Illi minkejja diversi talbiet biex Isabella Testaferrata de Noto tigi accettata fl-impjieg taghha mall-Kunsill Lokali Zabbar liema impjieg qatt ma ntemm huma baqghu inadempjenti u din hija prova ta' trattament diskriminatorju u vittimizzanti.*
7. *Illi l-esponenti ma fadlilhiex ghazla ohra hlief li tiehu dawn il-passi legali opportuni sabiex tipprotegi d-drittijiet taghha.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dan it-Tribunal sabiex wara li jisma' l-provi kollha li ser jitressqu, jagħti dawk l-ordnijiet kollha sabiex Isabella Testaferrata de Noto terġa' tiġi mqegħda fil-kariga li kellha mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar u dan salv dak li jidhirlu xieraq li għandu jsir dan it-Tribunal inkluz li tingħata lura flejjes li tilfet[1].*

Mill-banda l-oħra l-Kunsill Intimat fir-risposta tiegħu rribatta billi sostna s-segwenti: -

*Illi l-attura fil-perjodu ta' mpjieg tagħha mall-Kunsill Lokali Zabbar, hija ddeċidiet li tapplika għal sejħa sabiex tkun tista' sservi fi ħdan il-pool tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi, senjatament "1. The Director for Local Government invites applications from Public Officers, Public Sector employees and the general public, to serve in the Pool of Prospective Executive Secretaries in Local Councils and Regional Committess";*

*Illi s-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto filwaqt li ntazgħlet f'dan il-pool, hija ddeċidiet li tieħu mpjieg mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.;*

*Illi icto oculi wieħed malajr jinduna li r-rekwiziti u l-proċedura sabiex persuna tiġi ngaggata bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni ndikata supra u kwalunkwe Kunsill Lokali u/jew Kumitat Reġjonali f'dan il-ġzejjer hija notevolment differenti;*

*Illi l-intimat jikkontenti li a bazi tal-Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tgawdi personalita' ġuridika distinta b'dana li l-impjegati tagħha ma għandhom l-ebda konnessjoni ma ebda Kunsill Lokali;*

*Illi in linea sussidjarja l-intimat jtenni li ma sar l-ebda fthemin sabiex l-attura, meta jintemm il-perjodu tal-impjieg kuntrattwali mall-Assocjazzjoni terġa' tirritorna lura mall-Kunsill Lokali, u kwindi in vista' ta' tali mankanza, ma teżisti l-ebda obbligazzjoni fuq l-intimat sabiex jerġa' jimpjega lis-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto;*

*Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-esponenti qiegħed umilment jitlob lil dan it-Tribunal wara li jisma' kull prova permessibli mil-liġi, jgħaddi sabiex jiċħad il-pretensjonijiet kollha magħmula mis-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto, u dan salv kull provvediment ieħor li dan it-Tribunal jogħġbu jimponi fiċ-ċirkostanzi[2].*

Illi l-partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xogħol kienu rrappreżentati minn Dottor Deborah Attard inizjalment għar-rikorrenti, u sussegwentment minn Dottor Andrew Grima, u kif ukoll Dottor Leontine Calleja, mentri Dottor Byron Camilleri, llum Onorevoli Ministru, u Dottor Dustin Camilleri, rrappreżentaw lill-Kunsill Intimat.

It-Tribunal, ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif ġie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal żamm għaxar (10) seduti b'kollox fejn instemgħu x-xhieda mressqa

[1] Rikors tar-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, ipprezentat fl-24 ta' April 2018, a fol 1 tal-process.
[2] Risposta Kunsill Lokali Haz Zabbar, ipprezentata fil-25 ta' Mejju 2018, a fol 6 tal-process.

miz-zewg partijiet. In oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati u n-nota ta' sotomissjonjiet tar-rikorrenti.

Di piu', l-partijiet ipprezentaw zewg noti ta' sottomissjonjiet, u li dan it-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fl-imsemmija noti ta' sottomissjonjiet. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, l-waqfa minhabba l-Pandemija tal-COVID-19 u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Illi r-rikorrenti giet impjegata mall-Kunsill Intimat fil-21 ta' Jannar 2008 bhala *Assistant Principal*. In oltre, kienet taghmel xoghol ukoll bhala *Deputies Executive Secretaries* u li sussegwentement kienet applikat sabiex tidhol fil-*pool* tal-*Executive Secretaries,* li dan kien johrog mill-Gvern Lokali.

Il-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar kien ircieva avviz mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kien hemm hemm post vakant ta' Segretarju Ezekuttiv, u ghalhekk kienu elegibbli l-persuni li kienu fil-*pool* tas-Segretarji Ezekuttivi, fosthom ir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti kienet applikat ghal din il-kariga u kif ukoll kienet applikat ghall-postijiet ohra. Ir-rikorrenti kienet intaghzlet kemm mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u kif ukoll mill-MFSA, kif kienet maghrufa f'dak il-perjodu, illum MBR.

Ir-rikorrenti kienet tkellmet mall-Assistent Direttur tal-Gvern Lokali, d-defunt Pio Farrugia, fejn kien assigura lir-rikorrenti, kemm verbalment u kemm bl-iskritt, li f'kaz li hi ma kinitx tibqa' fil-kariga li kienet, ossia dik ta' Segretarju Ezekuttiv, din setghet tirritorna fl-impjieg mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar. F'Dicembru ta' 2017, meta r-rikorrenti kienet irritornat mall-Kunsill Intimat, u dan peress li kien gie tterminat il-kuntratt mall-*pool* tas-Segretarji Ezekuttivi. Ir-rikorrenti ma gietx accettata mill-Kunsill Intimat u dan peress li kien hemm direzzjoni li r-rikorrenti ma kinitx intitolata li tirritorna mall-Kunsill Intimat (dak ta' Haz Zabbar).

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019, ir-rikorrenti xehdet bil-gurmament fejn spjegat dwar kif svolgiet is-sitwazzjoni taghha, fejn qalet li hi kienet *single mother* u li kienet tahdem b'sighat ridotti (*reduced hours*). Bhala paga kienet taqla' bejn tmien mija (€800) jew disa' mitt Ewro (€900) fix-xahar.

Ix-xhud tghid li hi kienet applikat sabiex ghall-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv wara li kienu rcievew avviz mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kien hemm vakanza (*vacancy*) ghal din il-kariga. Ir-rikorrenti tghid ukoll li kienet applikat ukoll ghall-postijiet ohra, fosthom mall-MFSA. Ir-rikorrenti

ssostni li kienet elegibbli li tapplika ghall-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv peress li kienet fil-*pool* tal-istess segretarji ezekuttivi[3].

Ix-xhud tkompli telabora li hi kienet kellmet lill-Assistent Direttur mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' dak il-perjodu, Pio Farrugia, u li llum mejjet, fejn kienet talbet li jekk kienet taccetta l-kariga mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u f'kaz li ma kinitx tkompli f'din il-kariga, hi kellhiex dritt li tirritorna mall-Kunsill. Ix-xhud tishaq li s-Sur Pio Farrugia kien iggarantielha kemm bil-fomm u kemm bil-miktub li fl-eventwalita` li ma kinitx tkompli fil-kariga hi setghet tmur lura mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar.

Ix-xhud tghid li kienet ghazlet l-impjieg mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mhux dak li offrewlha l-MFSA, u dan peress li kellha mentalita` xi ftit antikwata li jekk jinqala` xi haga tmur lura fl-impjieg li kellha.

L-impjieg mall-Assocjazzjoni kien jitlob li tahdem erbghin siegha fil-gimgha, u dan ghalkemm kien hemm xi problemi peress li kellha bzonn li tigbor lil binha mill-iskola fit-3.30pm. Ix-xhud tghid li l-kuntratt taghha kien gie tterminat bi qbil u ghalhekk kienet marret id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn talbet lid-Direttur, Adrian Mifsud, sabiex jinforma lill-Kunsill ta' Haz Zabbar li kienet se tirritorna fl-impjieg mall-istess kunsill. Ix-xhud tghid li fil-*file* taghha ma kien instab xejn li setghet tmur lura fl-impjieg u ghalhekk informat lill-Union li maghha kienet affiljata, ossia UHM.

Il-UHM kienet kitbet lis-Sindku, u lis-Segretarju Ezekuttiv, tghid ix-xhud, u dan sabiex ikunu nformati li hi fis-6 ta' Frar kienet se tirritorna fl-impjieg li kellha mall-istess Kunsill. Min-naha tal-Kunsill Intimat dan wiegeb li huma kellhom bzonn xi nformazzjoni jew direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ix-xhud (rikorrenti) tkun tista` tirritorna fl-impjieg mall-istess Kunsill.

Wara li x-xhud damet tistenna xahrejn ghal risposta dwar jekk hi setghetx tirritorna mall-Kunsill, ix-xhud tirrileva li l-Union kienet regghet kitbet lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, u li da parti tieghu wiegeb li anke hu kien qieghed jistenna direzzjoni dwar is-sitwazzjoni tar-rikorrenti[4].

In kontro-ezami r-rikorrenti tghid li hi kienet damet tlett snin mall-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali, izda kienet ddeciedet li titlaq peress li kien hemm il-problemi ta' nuqqas ta' mpjegati. Tghid ukoll li kienu dahlu xi nies izda kien inqala' xi dizgwid, u dan peress li hi kienet esigenti hafna, u kif ukoll li r-relazzjoni mall-President tal-Assocjazzjoni kienet b'xi mod hzienet. Ix-xhud tishaq li kienu mpjegaw persuna li bdiet tghid li trid titlaq mix-xoghol minhabba fiha (r-rikorrenti).

Ir-rikorrenti kompliet tirrispondi ghad-domandi tal-konsulent legali tal-Kunsill Intimat billi sostniet li peress li l-President kien qallha li kienu se jiddiskutu s-sitwazzjoni tal-Assocazzjoni. Ir-rikorrenti tghid li hi wkoll ma kinitx thossha komda fis-sitwazzzjoni li kienu, u l-President kien qallha li jew tirrizenja jew jghaddi vot ta' sfiducja kontriha.

---

[3] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019, xiehda tar-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, a fol 42 tal-process.
[4] Ibid, a fol 43 tal-process.

Ix-xhud tghid li hi ma kellha l-ebda problema li tirrizenja u tirritorna mall-Kunsill ta' Haz Zabbar, izda meta saret taf li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien informaha li fil-fajl taghha ma kien hemm xejn li jghid li hi kellha tirritorna mall-imsemmi Kunsill, ma setghetx taqbad u titlaq. Ix-xhud issostni li hi kellha tifel zghir xi tmantni, u li ma kinitx xi haga facli[5].

Ix-xhud sahqet li fl-*emails* li kien baghatilha Pio Farrugia, wahda datata 20 ta' Mejju 2015 u ohra 9 ta' Gunju 2015, fis-sena meta hi accettat is-sejha ghal mall-Assocazzjoni, kien hemm miktub car li setghat tirritorna mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar.

Ix-xhud tirrileva li kien hemm diskussjoni mas-Sur Fava, l-President tal-Assocazzjoni, u kif ukoll mall-kumitat, fejn ir-rikorrenti qaltilhom li fic-cirkostanzi ma setghtex taghti r-rizenja, u dan ghax ma setghetx tirregistra. Ir-rikorrenti bdiet tara kif se taghmel biex issib impjieg alternattiv, u sadanittant l-Ezekuttiv ittermina l-kuntratt tar-rikorrenti, fejn informawha biex ma tidholx ghax-xoghol u li kienet se tithallas tlett xhur bhala *notice*. Ir-rikorrenti tishaq li hi hekk ghamlet, izda dan il-hlas ta' tlett xhur notice qatt ma rciviethom[6].

F'din is-seduta inqrat l-*email* mibghuta minn Pio Farrugia li kienet tikkonferma dak li sostniet ir-rikorrenti, ossia, li jekk ma tibqax Segretarju Ezekuttiv kellha d-dritt li tirritorna mall-Kunsill ta' Haz Zabbar.

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2021, xehed l-ex Direttur tal-Gvern Lokali, Adrian Mifsud, li kien dam f'din il-kariga sa Marzu 2019. Dan ix-xhud intwera xi dokumenti li kienu jikkoncernaw il-kwistjoni tar-rikorrenti. Ix-xhud gie muri kommunikazzjoni li hu kien baghat lis-Sindku ta' Haz Zabbar ta' dak il-perjodu, Joe Vella Bonnici, u kienu kkuppjati ukoll is-Sur Mario Fava, l-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Segretarju Ezekuttiv, ta' dak iz-zmien tal-Kunsill ta' Haz Zabbar, Ranier Busuttil, u li kienu qeghdin jaghmlu kjarfika dwar id-differenza bejn Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali u dak mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali[7].

Ix-xhud sostna li kien hemm *ruling* minn dak ta' qablu, ossia, d-defunt Pio Farrugia, u dan sabiex jekk ikun hemm xi kommunikati differenti dawn kellhom jghaddu lilu sabiex min-naha tax-xhud dan kien jghaddihom lill-avukat tad-Dipartiment ghall-parir legali. In kontro-ezami dan ix-xhud qal li r-rikorrenti kien jafha meta kien ghadu mpjegat mad-Dipartiment meta hu kien jaghti t-tahrig u li ghal dan it-tahrig kienet tattendi r-rikorrenti.

Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2021 xehed is-Sur Mario Fava, l-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL). Dan ix-xhud sostna li hu kien jaf lir-rikorrenti peress li kienet Segretarja Ezekuttiva tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Ix-xhud qal li AKL kellha rwol li taghmel il-proposti ghall-Kunsilli Lokali kollha, ossia tal-pajjiz kollu. AKL hi regolata permezz ta' Avviz Legali u li permezz tal-istess Avviz Legali kienet twaqqfet AKL. Dan ix-xhud sahaq li lir-rikorrenti kienet Segretarja tal-

[5] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019, xiehda in kontro-ezami tar-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, a fol 45 tal-process.
[6] Ibid, a fol 47 tal-process.
[7] Seduta tal-19 ta' Jannar 2021, xiehda ta' Adrian Mifsud, a fol 68 tal-process.

Ezekuttiv tal-AKL, u dan meta hu kien ghadu membru u mhux President tal-Assocjazzjoni. In oltre, r-rikorrenti kienet baqghet f'din il-kariga wara wkoll, u cioe` meta hu lahaq President[8].

Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti qabel kienet impjegata mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar, u dan kien jafu peress li hu kien jaf kull persuna li kienet tahdem mall-Kunsilli. Dan ix-xhud, ipprezenta l-minuti tal-ahhar laqgha li nzammet fis-16 ta' Jannar 2018, fejn gie diskuss it-terminazzjoni tal-kuntratt taghha. Ix-xhud sostna li r-rikorrenti kienet sahqet li jekk hi kienet tieqaf mill-impjieg taghha mall-AKL, kienet se tispicca minghajr impjieg.

Ix-xhud irrileva li bi ftehim mall-Ezekuttiv kienu qablu li ma jittiehdux passi dixxiplinarji kontra r-rikorrenti, u dan peress li kien tqajjem kaz fuq hekk, izda minflok gie tterminat il-kuntratt tar-rikorrenti. Ix-xhud sahaq li r-rikorrenti ma kinitx riedet li toffri r-rizenja taghha u dan ghax ma tkunx tista' tirregistra ghax-xoghol, u kif ukoll li kienet tispicca barra mill-*pool* tas-Segretarji Ezekuttivi.

In kontro-ezami dan ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet giet impjegata b'kuntratt u dan ghax kien hemm sejha pubblika (*call for applications*). Din is-sejha kienet miftuha kemm ghal dawk li kienu elegibbli li jidhlu fil-*pool* tas-Segretarji, u kif ukoll ghall-persuni barra c-Civil jew li ma kienux fis-Settur Pubbliku[9].

L-istess xhud kompla jixhed in kontro-ezami fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2021, fejn ghad-domanda jekk jaqbilx li mpjegati tal-AKL ma kinietx tapplika ghalihom il-ligi tal-Kunsilli Lokali ghaliex huma distiniti, wiegeb li le. Ix-hud sahaq li l-impjegati mall-AKL jidhlu b'kuntratt li jkollu t-terminu tieghu. Dan ix-xhud baqa' jsostni li r-rikorrenti kienet impjegata permezz ta' kuntratt u li ma kienux japplikaw ghaliha d-dispozizzjonjiet tal-Kunsilli Lokali[10].

Ix-xhud sahaq ukoll li l-minuti tal-laqgha li saret referenza ghaliha, u cioe` tat-18 ta' Jannar 2018, li dawn ma kienx hejjihom hu izda s-Segretarja Ezekuttiva, u ossia l-Agent Segretarja, ta' dak il-perjodu in kwistjoni, Leanne Mifsud Cassar. Ix-xhud mill-banda l-ohra ikkonferma li kien hu li kien iffirma dawn il-minuti, u dan peress li r-rikorrenti ma kinitx riedet li tiffirma dawn il-minuti stante li fis-16 ta' Jannar 2018 kienet l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha.

In oltre, x-xhud ma kienx cert jekk l-Agent Segretarja Ezekuttiva kinitx prezenti ghal-laqgha. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-Agent Segretarja Ezekuttiva kienet hejjiet dawn il-minuti kif kienu qalulha huma, u cioe` l-membri prezenti ghal din il-laqgha, ossia fuq is-suggerimenti taghhom. Ix-xhud sahaq li huma kienu hadu dik id-decizjoni, u cioe` d-decizjoni li ha l-ezekuttiv tal-AKL, fejn ir-rikorrenti flok spiccat mill-impjieg fuq passi dixxiplinarji, u dan biex ma ssirx hsara lilha u ma tittnizzilx bhala tkeccija, izda minflok kienet tidher li nghatat in-*notice*. Dan kien sar, sostna x-

[8] Seduta tat-18 ta' Mejju 2021, xiehda ta' Mario Fava, a fol 79 tal-process.
[9] Seduta tat-18 ta' Mejju 2021, xiehda ta' Mario Fava, fol 81 tal-process.
[10] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2021, xiehda in kontro-ezami ta' Mario Fava, a fol 85 tal-process.

xhud, daqs li kieku l-kuntratt kien ha jibqa' ghaddej. Ix-xhud irrimarka li r-rikorrenti kienet spiccat f'Mejju 2018[11].

Dan ix-xhud cahad bil-qawwa kollha li waqt il-laqgha qatt ma kienu ddiskutew kaz tad-dixxiplina tar-rikorrenti, izda baqa' jsostni li kien hemm decizjoni unanima li flok titwaqqaf hesrem dak il-hin, u r-rikorrenti tfittex ghad-drttijiet taghha, kienu accettaw li jhallsu n-*notice* u b'hekk l-impjieg jigi tterminat b'mod normali.

## Noti ta' Sottomissjonijiet

Il-partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol ipprezentaw zewg noti ta' sottomissjonjiet, dik tar-rikorrenti giet ipprezentata fl-14 ta' Jannar 2022, mentri dik tal-Kunsill Intimat fil-11 ta' Frar 2022.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti hemm riportat li r-rikorrenti kienet inghatat id-dritt li tirritorna fl-impjieg mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar. Ir-rikorrenti kienet intaghzlet biex isservi fil-*pool* ta' Segretarji Ezekuttivi, u ghalhekk kienet inghatat l-ghazla li tirritorna fl-impjieg mall-Kunsill ta' Haz Zabbar. Kien fl-14 ta' Gunju 2017 li r-rikorrenti kienet informata li l-kuntratt taghha kien gie tterminat, u in oltre, kienet informata mill-kunsill intimat li ma kinitx inititolata li tirritorna mall-istess kunsill intimat.

Fl-imsemmija nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti hemm sottomess li r-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi biex tirritorna fl-impjieg mall-kunsill intimat, izda kien kollu ghalxejn. Fin-nota taghha r-rikorrenti ssostni li l-kunsill intimat irribatta billi qal li hemm differenza fir-rekwiziti u fil-procedura dwar kif persuna tigi ngaggata bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tgawdi personalita` guridika distinta u dan stante li l-impjegati tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali ma ghandhomx konnessjoni mall-Kunsilli Lokali[12].

Ir-rikorrenti tishaq li rrispettivament minn dak li jistipula Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta, jew min kien imexxi l-Kunsill ta' Haz Zabbar, hu Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-posizzjoni tal-partijiet. Ghalhekk hu l-kunsill intimat, u li f'dan il-kaz jigi l-principal, ossia min ihaddem, li ghandu jonora dawn l-obbligi versu r-rikorrenti[13].

In oltre, r-rikorrenti ssostni li ghadha tidher li hi mpjegata mall-kunsill intimat u dan kif jirrizulta mill-*employment history* taghha. Ir-rikorrenti tishaq li kienet ukoll intaghzlet mill-MFSA, u dan peress li kienet ukoll applikat ghall-impjieg mall-istess MFSA, izda kienet ghazlet li l-impjieg ta' Segretarju Ezekuttiv u dan stante li wkoll kienet intaghzlet.

---

[11] Ibid, a fol 86 tal-process.
[12] Nota ta' Sottomossjonjiet tar-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, a fol 94 tal-process.
[13] Ibid, a fol 95 tal-process.

Ir-rikorrenti, fin-nota taghha ssostni li hi riedet li jkollha sigurta' tax-xoghol taghha u kienet ikkonsultat mall-Assistent Direttur ta' dak il-perjodu, Pio Farrugia, li kien permezz ta' *email* u li ma thalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni li jekk kienet se taccetta l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv kienet se zzomm postha mall-kunsill intimat[14].

Dan kollu kien gie esebit mill-istess rikorrenti fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2019 fejnipprezentat korrispondenza datata 20 ta' Mejju 2015 fejn is-Sur Pio Farrugia jikkonferma r-rikorrenti kienet se zzomm postha bhala *Assistant Principal Scale 10* mas-Servizz Pubbliku gialadarba ma tirrizenjax mill-post fis-settur pubbliku[15].

In oltre, l-istess Pio Farrugia kien ukoll informa lis-Sindku ta' Haz Zabbar li kien qieghed jaghti l-awtorizazzjoni sabiex issir ingagg ta' skrivan fuq bazi *full-time "back-to-back ma' Isabella Testaferrata de Noto….."*[16].

Dwar il-fatt li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tgwadi personalita` guridika distinta u li l-impjegati taghhom ma ghandhom l-ebda konnessjoni ma' ebda kunsill lokali, fin-nota ta' sottomissjonijiet ssir referenza ghal dak li wiegeb in kontro-ezami, Mario Fava, l-President tal-AKL. Mario Fava sostna li r-rikorrenti kellha kuntratt li kellu bidu u li kellu tmiem. Dwar jekk kienx hemm xi dispozizzjoni tal-ligi tal-Kunsilli Lokali li kienet tapplika ghar-rikorrenti, s-Sur Fava baqa' jsostni li kellha kuntratt u li dak kien il-kuntratt li kellha.

In oltre, ghad-domanda tat-Tribunal jekk kienx hemm xi klawsola *ad hoc* li kienet teskludi dawn id-dispozizzjonjiet, is-Sur Fava wiegeb li ma kienx jidhirlu li kien hemm. Dan kollu jfisser, tissottometti r-rikorrenti fin-nota taghha, li r-rikorrenti hi marbuta bil-ligi tal-Kunsilli Lokali[17].

Ir-rikorrenti taghlaq in-nota taghha billi ssostni li r-rikorrenti minn dejjem kienet informatha u li kellha gwida li setghet tirreverti fil-post li kellha mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar. Dan kollu hu esebit fil-process ta' din il-kwistjoni ta' xoghol. Di piu', l-istess kunsill intimat qatt ma cahad li dak li kien sostna Pio Farrugia, ossia li r-rikorrenti setghet tirritorna fl-impjieg mall-kunsill intimat f'kaz li ma tibqax fil-kariga li kellha mall-AKL.

Ghalhekk, ssostni r-rikorrenti l-kunsill intimat qatt ma ttermina l-impjieg taghha mall-istess kunsill, u dan hu prova konkreta li r-rikorrenti zammet postha mall-istess kunsill intimat. Illi dan kollu ippregudika lir-rikorrenti u soffriet telf ta' madwar sitt xhur paga, li tammonta ghal €10,900[18].

---

[14] Ibid, a fol 95 tal-process.
[15] Ibid, a fol 95 tal-process.
[16] Ibid, a fol 95 tal-process.
[17] Ibid, a fol 96 tal-process.
[18] Ibid, a fol 97 tal-process.

Mill-banda l-ohra n-nota ta' sottomissjonjiet tal-kunsill intimat tibda billi taghmel referenza li r-rikorrenti keinet iddecidiet li tapplika sabiex isservi fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi prosepttivi u dan meta kienet ghadha fl-impjieg mall-kunsill intimat.

Illi kif gia saret referenza matul dawn il-proceduri, r-rikorrenti intaghzlet biex isservi bhala Segretajru Ezekuttiv mall-AKL. Fin-nota tal-kunsill intimat jigi rrimarkat li r-rekwiziti u l-procedura ta' persuna ngaggata mall-AKL u kwalunkwe Kunsill Lokali, hi differenti. Illi in oltre, skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta, l-AKL tgawdi personalita` guridika distinta u li l-impjegati taghha ma ghandhom l-ebda konnessjoni ma' kwalsiasi kunsill lokali[19].

Fl-imsemmija nota, l-kunsill intimat filwaqt li jaqbel li hu l-Kap 452 li jirregola lill-kunsill intimat, qieghed jirribadixxi li r-relazzjoni kuntrattwali mall-kunsill intimat kienet spiccat meta accettat l-impjieg mall-AKL. Il-kunsill intimat isostni li ma kellu l-ebda obbligu li jerga' jirrintegra lir-rikorrenti fl-impjieg taghha.

Dwar il-parir li r-rikorrenti nghatat mid-defunt, Pio Farrugia, l-kunsill intimat jissottometti li l-parir li hu ta lir-rikorrenti mhux in konformi ma' dak li tghid il-ligi. Ghalhekk jekk ir-rikorrenti giet zgwidata minn dan il-parir, il-kunsill intimat ma jistax ibati ghal dan in-nuqqas. Hu wkoll immaterjali li jekk kienx hemm xi klawsola li teskludi r-ritorn tar-rikorrenti mall-kunsill intimat u li mieghu kienet impjegata precedentement. L-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghandha personalita` guridika distinita[20].

Il-kunsill intimat jaghlaq in-nota tieghu billi jsostni li hu ma kienx marbut bl-ebda ftehim sabiex ir-rikorrenti tirritorna mall-istess kunsill lokali intimat. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kwistjoni ta' xoghol in dezamina tittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, li kienet impjegata mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar bhala *Assistent Principal*, fil-21 ta' Jannar 2008. Ir-rikorrenti kienet intaghzlet biex isservi fil-*pool* ta' Segretarji Ezekuttivi Prospettivi fl-14 ta' Gunju 2013. L-impjieg tar-rikorrenti mall-kunsill intimat kien gie assigurat minn Pio Farrugia, llum defunt, fejn kien serrah ras ir-rikorrenti li fl-eventwalita` li ma kinitx tibqa' fil-kariga li kellha mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ossia dik ta' Segretarju Ezekuttiv, dejjem setghet tirritorna fl-impjieg precedenti li kellha mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar.

Ciononostante, meta r-rikorrenti giet biex tirritorna mall-kunsill initmat, dan irrifjuta li r-rikorrenti terga' tirritorna fl-impjieg mall-istess kunsill lokali ntimat. Ir-rikorrenti irrikorriet ghand il-Union taghha (UHM) u kif ukoll ghamlet diversi tentattivi sabiex tirritorna f'dan l-impjieg, izda kien kollu ghalxejn. Il-Kunsill Intimat baqa' jsostni li hu ma kienx marbut bl-ebda ftehim li r-rikorrenti

[19] Nota ta' Sottomossjonjiet tal-intimat Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar, af ol 98 tal-process.
[20] Ibid, a fol 99.

tirritorna fl-impjieg f'kaz li ma kinitx tibqa' fil-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill Intimat sahaq li kienet ir-rikorrenti li abbandunat l-impjieg taghha meta ghazlet l-impjieg mall-AKL. L-Intimat Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar isostni li ai termini ta' Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghandha personalita` guridika distinta u separata. Dan japplika wkoll ghall-impjegati taghha (tal-AKL) li ma ghandhom l-ebda konnessjoni ma' ebda Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar irrileva wkoll li jekk kien jimpjega lir-rikorrenti minghajr ma jkun hemm sejha kemm interna, u kemm pubblika, jkun qieghed jagixxi *ultra vires*.

Din il-kwistjoni ta' xoghol li dan it-Tribunal ghandu quddiemu titratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti li kienet impjegata tal-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar kienet ghazlet impjieg mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, peress li kienet fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi Prospettivi. Meta r-rikorrenti ddecidiet li ma tibqax fl-impjieg ta' Segretarju Ezekuttiv, l-istess rikorrenti riedet li tirritorna fl-impjieg precedenti, ossia dak mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar.

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal Dok. 'A', ossia "*Selection to Serve in the Pool of Prospective Executive Secretaries in Local Councils*", u li minn dan id-dokument dan it-Tribunal jinnota li l-kelma uzata hi '*assigment*', ossia assenjata. Il-Kandidat fuq dan il-pool kien iservi ghall-perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar u li matul dan il-perjodu kandidat seta' jintaghzel li jservi ghal sitta u tletin (36) xahar bhala Segretarju Ezekuttiv, liema perjodu wkoll seta' jiggedded ghall-istess ammont ta' xhur.

It-Tribunal ukoll ezamina d-dokumenti l-ohra esebiti mir-rikorrenti fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019, fejn hemm ukoll korrispondenza ghall-ingagg ta' skrivana fuq skala 15 *back-to back* ma' Isabella Testaferrata de Noto. Din il-korrispondenza (*email*) tas-Sur Pio Farrugia, u li saret referenza diversi drabi ghaliha matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, fejn jidher car li l-Kunsill ta' Haz Zabbar kien konsapevoli li dan l-ingagg ta' skrivana kien, "*back-to-back ma' Isabella Testaferrata de Noto ID 274569M, sakemm din ta' l-ahhar iddum Segretarju Ezekuttiv mall-AKL jew ma' xi Kunsill jew Regjun iehor, sakemm ikollhom l-approvazzjoni tal-ETC*"[21].

Illi minn din il-korrispondenza dan it-Tribunal jinnota li l-kunsill intimat kien gia nformat, u ghalhekk kien avzat b'dak li seta' jigri, ossia li r-rikorrenti kellha terga' tirritorna fl-impjieg taghha mall-istess kunsill intimat, u dan f'kaz li ma kinitx tibqa' mall-AKL. Il-kunsill intimat, ghalhekk ma jistax jargumenta, kif ghamel matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, li dan kollu ma kienx jikkoncernah. L-istess kunsill intimat kellu kull dritt li jirregola ruhu fuq din is-sitwazzjoni u kien jitlob direzzjoni mill-ewwel, u cioe` meta rcieva din il-korrispondenza hawn fuq citata. Impjegat ghandu kull dritt li jkun jaf x'jigri minnu/minnha, u kif jidher car minn dak li rrizulta matul din il-

[21] *Email* data, 9 ta' Jannar 2015, minn Pio Farrugia, a fol. 33 tal-process.

kwistjoni ta' xoghol, l-istess Adrian Mifsud ukoll kien qieghed jistenna parir legali dwar il-posizzjoni tar-rikorrenti[22].

F'dawn is-sitwazzjonijiet t-Tribunal Industrijali ghandu l-obbligu li jindaga fil-fond, u stante li kif hemm stipulat fl-istess Kap 452, precizament f'artikolu 80, li jistipula: -

> 80.(1) Fl-għoti ta' kull sentenza, deċiżjoni jew parir, it-Tribunal jista' jqis il-politika soċjali u ekonomika u l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali li jkunu jipprevalu fiż-żmien tal-pronunzjamenttiegħu jekk huwa jqis illi dawn ikunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-każ li jkollu quddiemu[23].

Mill-provi wkoll hareg li l-istess kunsill qatt ma kkonsulta mar-rikorrenti dwar x'kien se jigri fl-eventwalita` li hi ma kinitx tibqa' fil-kariga mall-AKL. L-awtur, Norman Selwyn isemmi test ta' kemm il-principal ikun agixxa b'mod ragonevoli qabel ghazel li jittermina mpjegat mill-impjieg. F'dan il-kuntest l-imsemmi awtur isostni: -

> 17.159 It must be remembered that even though a reason is capable of being another substantial reason for the dismissal, the employer must still act reasonably in treating that reason as sufficient reason for dismissal. To do this, he should have a full investigation of the problem, and explore any alternatives which may be available (Scott Packing and Waterhousing Co v Paterson). There is no absolute requirement that consultation with the employee should take place, but this is one of the factors to be taken into accounting in detreming if the employer has acted reasonably (Hollister v National Farmers' Union, see para. 3.102)[24].

Illi minn dak li jirrizulta mill-provi l-kunsill intimat qatt ma kkonsulta mar-rikorrenti dwar din is-sitwazzjoni, u *multo magis* l-agir tal-kunsill intimat ta l-impressjoni li kien accetta dak li kien ippropona Pio Farrugia fl-*email* gia ciatat, tad-9 ta' Jannar 2015.

Il-kunsill intimat, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal naqas milli jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi u l-konsegwenzi li kienet se tbati r-rikorrenti. Dawn huma sitwazzjonijet fejn persuna ghandha l-ghixien taghha, u ta' dawk li jiddependu minnha f'riskju. It-Tribunal Industrijali ghandu wkoll jevalwa *funditus* dawk ic-cirkostanzi kollha li jirrevolvu mall-kaz in dezamina, u jiehu in konsiderazzjoni l-effett ta' tali decizjonijiet tal-principal, u kif se jolqtu lill-impjegat. F'dan il-kaz l-effett kien li r-rikorrenti spiccat bla mpjieg.

---

[22] Vide xiehda ta' Adrian Mifsud, l-ex Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, tad-19 ta' Jannar 2021, a fol 67, 68, u 69 tal-process.
[23] Artiklu 80 (1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar l-Impjiegi r-Relazzjonjiet Industrijali.
[24] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – para 17.159, p. 458.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna li r-rikorrenti terga' tigi reintegrata fil-grad ta' *Assistant Principal*, u cioe` l-kariga li kellha mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar.

F'dan il-kuntest l-awtur Norman Selwyn isostni: -

> 17.191 If an employee is reinstated or re-engaged following an order to that effect from the employment tribunal, his continuity of employement is preserved, and the period between his dismissal and reinstatment or re-engagement counts towards his continuity (Employment Protection (Continuity of Employment) Regulations 1996). This also applies if reinstatment or re-engagement follows a compromise agreement, or action taken by a conciliation officer, or alaim based on a designated dismissal procedure or following an ACAS sponsored arbitration award[25].

## Kumpens

Illi bhala kumpens dan it-Tribunal ukoll iqis li ghandu jikkonsidra ammont li dan it-Tribunal ihoss illi hu gust u ekwu ghat-telf li r-rikorrenti sofriet minhabba l-agir da parti tal-principal taghha. F'dan ir-rigward ukoll l-imsemmi awtur jghallimna li: -

> 17. 192 if the order for reinstatement or re-engagement is made, but its terms are not fully complied with, the tribunal may make an award of compensation of such amount as it thinks fit, having regard to the loss sustained by the claimant in consequence of the employer's failure to comply with those terms[26].

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jordna lill-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar sabiex ihallas l-ammont ta' disat elef u hames mitt Ewro (€9,500), lir-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, liema somma it-Tribunal iqis li hija gusta u ekwa fic-cirkostanzi, u dan bhala telf finanzjarju li r-rikorrenti, Isabella Testaferrata de Noto, sofriet fil-perojdu li damet barra mill-impjieg. Illi dan l-ammont imsemmi ta' disat elef u hames mitt Ewro (€9,500), u kif ukoll ir-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fl-impjieg mall-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar, fil-grad ta' *Assistant Principal*, ghandhom isiru fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

---

[25] Ibid, para 17.191, p. 465.

[26] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – para 17.192, p. 465.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**